Kunsill Lokali L-Imsida
Pjazza Menqa, Msida
tel:21334343
www.msidalocalcouncil.com

**MINUTI**
**Laqgħa tal-Kunsill Lokali L-Imsida**
**IS-SEBAT LEĠISLATURA**
**Laqgħa Numru 87**
**Il-Hamis 21 ta'Marzu 2019**

Il-Kunsilli Lokali l-Imsida ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Pjazza Menqa, l-Imsida,

PREŻENTI:

Margaret Baldacchino Cefai – Sindku
Charles Selvaġġi – Kunsillier
Lino Bartolo - Kunsillier
Maurice Agius – Kunsillier
Romina Galea – Kunsillier
Emanuel Brincat – Kunsillier (hareg fit 08:30 pm)

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Dr.Alex Sciberras – Viċi Sindku
Matthew Agius – Kunsillier
Alan Abela Wadge – Kunsillier

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Alan Vella – Segretarju Eżekuttiv

Minuti

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai ippresediet l-laqgħa.

**87.1 Qari ta' l-ittri ta' apoloġija;**

87.1.01 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella qara l-ittri ta' apoloġija tal-Kunsillier Alex Sciberras, li talab li jkun skużat minħabba raġunijiet ta' xogħol.

87.1.02 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella qara l-ittri ta' apoloġija tal-Kunsillier Matthew Agius, li talab li jkun skużat minħabba raġunijiet ta' xogħol.

87.1.03 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella qara l-ittri ta' apoloġija tal-Kunsillier Alan Abela Wadge li talab li jkun skużat minħabba raġunijiet ta' xogħol.

87.1.04 Il-Kunsilliera preżenti, aċċettaw l-ittri ta' apoloġija.

**87.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

87.2.01 Il-Minuti ta' Seduta L7-86 ittieħdu bħala moqrija.
Il-minuti ġew approvati, unanimament.

**87.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku;**

87.3.01 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lill- Kunsilliera preżenti fuq ittra uffiċjali u reġistrata dwar - rimi ta'skart ġo Misraħ il-Barrieri, li ntbagħtet lill- Manchester Club.

87.3.02 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il mejda Update ta Programm ta' Manutenzjoni fil-blokki tal-Gvern fejn għarfet lill- Kunsilliera preżenti, biex jekk jistgħu jattendu għall- laqgħa nformattiva. Għar- residenti ta' kull Blokka magħżula nhar l-Erbgħa 27 ta' Marzu.

87.3.03 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lill- Kunsilliera preżenti li saret applikazzjoni mill- Kunsill Lokali ma' Transport Malta, biex ssir parkeġġ riservat pubbliku għall- persuni b'diżabilità ġo Misraħ 5 ta'Ottubru.

87.3.04 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il mejda SPI/05/2019, Rebbiegħa fil-Komunità – Xettel l- Ilwien in – Natura. Fejn spjegat is-suġġett lill- Kunsilliera preżenti u talbet suġġerimenti, fejn il-Kunsill jista' jesprimi interess għall -Iskema.

87.3.05 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lill- Kunsilliera preżenti li s- Sur-Lino Bartolo flimkien ma' segretarju Eźekuttiv, u impjegata attendew għal- ERA Afternoon Briefing li saret ġo lukanda -Dolmen f'12 ta'Marzu. U liema preżentazzjoni se tiġi mgħoddija għall-informazzjoni, ta'kull Kunsillier.
Is-Sur Lino Bartolo ta'spjega qasira fuq liema siġar huma protetti u proċeduri, marbuta magħhom.

87.3.06 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lill- Kunsilliera preżenti dwar sejħa għall-espressjoni ta'interess, fejn il-Kunsill applika biex ikun jista' jġib numru ta'siġar għal-tħawwil fil-Lokalita’.

87.3.07 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai tkellmet dwar is-sit ta'kostruzzjoni, wieqaf ġo Triq il-Ħarrub fejn reġgħet kitbet. U ħadet risposta li din se ssir matul din is-sena u reġgħet wieġbet li dan ilu jiġi mwiegħed kull sena mil-2015. U li mhux se taċċetta li dawn iġibu aktar skuża jekk dan ma ssirx, u se tmexxi bl-awtoritajiet.

87.3.08 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai fakkret lill- Kunsilliera preżenti dwar it-tnedija tal-App tal- Kunsill li għadu jiġi varat waqt konferenza stampa li se ssir il-Ġimgħa 22 ta’ Marzu. Fejn se jkun preżenti Is-Segretarju Parlamentari għall- Gvern Lokali u se ssir dimostrazzjoni, mill-iżviluppatur.

87.3.09 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda komunikat mid-Direttur Ġenerali DG/K/04/2019 u tagħat it-tagħrif, dwar żvilupp u implimentazzjoni ta'strateġiji kulturali għall- Kunsilli Lokali u Reġjonali.

87.3.10 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda tagħrif dwar Seminar. Skemi dwar stil ta'ħajja aħjar għaċ-ċittadin organizzat mid-Direttorat tal-istrateġija u implimentazzjoni ta'Policy nhar l-Erbgħa 3 ta'April. U talbet lill- Kunsilliera interessanti li jattendu biex jinkitbu mall-Amministrazzjoni.

87.3.11 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lill- Kunsilliera, preżenti li GHRC ħadet post FTZD bħala l-Entita’, li qed tassisti lill- Kunsill fil- proġett tal- prominade ta'Xatt ta'Xbiex.

87.3.12 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai fakkret lill- Kunsilliera preżenti, dwar il-programm televiżiv Xejk li se jixxandar nhar il-Ħadd 24 ta'Marzu.

87.3.13 Is-Segretarju Eźekuttiv għarraf lill- Kunsilliera preżenti li wieħed mill- ħaddiema ta'district operations assenjati fuq xogħol ta'manutenzjoni fuq barra se jiġi trasferit ma’ Kunsill ieħor. Filwaqt li ġiet assenjata persuna oħra fuq xogħol ta' assistenza ġol- uffiċċju. Iżda din ma hijiex timla il-post vakanti, li hemm ġol-Amministrazzjoni.

### 87.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

87.4.01 Is-Sur Maurice Agius staqsa’ jekk kienx hemm żvilupp, dwar id-dawl ta' St Joseph Drive.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li mit-tagħrif mgħoddi fil- laqgħa preċedenti, ma kienx hemm żviluppi oħra.

87.4.02 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lill- Kunsilliera preżenti li-ġiet mgħarfa mis CEO ta' Infrastruttura Malta. Fuq il- pjan għall- Traffic Managment Arterjali li għad qed issiru il-pjanti u preżentazzjoni 3D finali, u ġiet avżata. Li fil- mument ikun aħjar jekk il-proġetti pjanata tal-Kunsill għall- Ġnien, u l-latrina ikunu on hold għax jistgħu jiġu affettwati.
Is-Sur Lino Bartolo tkellem dwar is-siġar, li jistgħu jinqalghu u l- proġett tal-club tal-boċċi li hemm pjanat ġo Misraħ 5 ta'Ottubru.

Is-Sur Emanuel Brincat wieġeb, li għadu ma kienx hemm applikazzjoni mal- PA għall - proġett tal- Club tal- Boċċi.

87.4.03 Is-Sur Maurice Agius staqsa jekk saritx l-ittra lill- LESA fuq ċitazzjoni, li ħarġet f'l-ewwel ġurnata tal-parkeġġ ristrett.
Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb, li għadha ma saritx.

87.4.04 Is-Sur Charles Selvaggi staqsa dwar it- talba ta’ no objection għall PA/00876/17 jekk saritx il-laqgħa, bejn il-Periti.
Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li l-Perit tal-Kunsill, reġa' bghat reminder lill-Perit ta’ showroom biex jiltaqgħu.

87.4.05 Is-Sur Lino Bartolo qal li qed ikun hemm rimi ta'demmel ta'l-annimali li mhux qed jinġabar, u qed jitħalla hemm.
Is-Segretarju Eżekuttiv ħa nota u wieġeb li rigward id-demmel taż-żwiemel, ġa għamel referenza għaliha mall-WasteServ. Waqt il-laqgħa ta'informazzjoni u qed jistenna risposta, minn għandhom.

87.4.06 Is-Sur Maurice Agius staqsa, fuq id-deċiżjoni ta'minuta 86.4.12 u dwar aktar inkonsistenza fil-Knis.
Is-Segretarju Eźekuttiv wieġeb li żamm għall- skeda oħra filwaqt li se jibda jibgħat default, għall- kull llment magħmul jekk ikun verifikat li t- triq ma saritx kif suppost fil- ġurnata skedata.
Il-Kunsilliera, qabblu unanimament.

87.4.07 Is-Sur Charles Selvaggi staqsa għala il- bins ġo Triq Oscar Zammit għadhom ma weħħlux.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb, li hemm bosta xogħol wieqaf minħabba ħsara fil- generator, li qiegħed għat-tiswija.

87.4.08 Is-Sur Charles Selvaggi staqsa’ dwar żviluppi, fuq ir-reserved parking ġo Triq il -Ħarrub.

Is-Sur Maurice Agius ġibed l-attenzjoni li r-reserved parking, ġo Triq Kalcidon Schembri. Għadu hemm minkejja li TM qalu li se jitlaq.
Is-Segretarju wieġeb, se jerġa jikteb lis-sezzjoni ta' TM konċernata’ biex jaraw li dawn issiru.

87.4.09 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai talbet biex u għamlet kjarifika fuq minuta 86.4.19 fejn spjegat li waqt id-diskussjoni ma semmitx li kienet diġa ġibdet l-attenzjoni fuq il- prezzijiet lis-Segretarju. Fejn huwa ċempel lil kuntrattur fuq il- prezz tal-planters u il- bankijiet jekk kienux korretti. U dan kien wieġeb li dawn huma daqshekk u ġie inkluż ix- xogħol.

Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill- Kunsilliera preżenti, fuq azzjonijiet li ha b' mod immedjat u żviluppi oħra fejn bagħat għall- kuntrattur u talbu spjegazzjoni fuq kif wasal għall- kont tal- belvedere ta' Indrì Grima. U l-osservazzjonijiet fuq il-planters u l-bankijiet li minn stimi eżatt, bħal ma saru juru li huma ferm anqas. Hawn kompla jispjega li l-kuntrattur malli ikkonferma li dawn ma kienux jiswew, daqs kemm ġew fuq il-kont talab lil kuntrattur għall-kopja tal- iriċevuta li ħallas għalihom. Talbu wkoll biex jerġa jiġi mal-Quantity Surveyor u fil- preżenza ta' żewġt Kunsilliera oħra, jerġgħu jittieħdu il- qisien biex jerġa' jinħadem il-kont. Dan fil- fatt aċċetta u ftit wara konferma il-ġurnata u il-ħin, filwaqt li ġew mitluba biex ikunu fuq il-post il-Kunsilliera Charles Selvaggi u Lino Bartolo.

Is-Sur Charles Selvaggi wieġeb li dan ma ġiex hemm ma' Quantity Surveyor u <fejn il-kuntrattur qal li ma kienx hekk li qal li dan gej> filwaqt li ma setax joqgħod il-ħin kollhu, minħabba impenji oħra.

Mizjuda:<fejn il-kuntrattur qal li ma kienx hekk li qal li dan gej>

Is-Sur Lino Bartolo qal li hu baqa' hemm għamel verifika u ddiskuta l-qisien mal-kuntrattur fejn talab spjegazzjonijiet ta' kif ħareġ il-prezz, għax kien hemm diskrepanzi u talab lill kuntrattur biex jiltaqa' miegħu l-Kunsill ħalli jduru kollox u jerġgħu jaraw il-prezzijiet, iżda il kuntrattur ma riedx jiltaqa' il-Kunsill. U wara li s-Sur Bartolo offrielu li jistgħu jiltaqgħu jekk rrid fil-każin tal-Banda. Il-kuntrattur ippropona li jiltaqghu d-dar tiegħu. Hawn kompla jispjega li wara li ta ftit ħsieb ħass li ma għandux immur id-dar tal-kuntrattur.

Is-Sur Charles Selvaggi ikkummenta li jidher ċar li ma hemmx affarijiet sew minn dan il-kuntrattur, u ppropona biex dan jitwaqqaf mix- xogħol ieħor li jista' għandu.

Is-Sur Maurice Agius qal li hu jissekonda l-proposta ta' Sur Charles Selvaggi u żied li l-Quantity Surveyor jitwaqqaf mal-ewwel, u għandu jkun investigat. Is-Sur Maurice Agius tkellem wkoll dwar ix xogħol fuq il-bankini fejn iz-zebra crossing in-naha ta' fuq ta' Triq D'Argens. U r-rampa Triq D'Argens k/m Triq Robert Naudi li hi perikulża filwaqt li hemm rampa ġo Triq Robert Naudi li ma saretx sew.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li l-kuntrattur ma għandux aktar xogħol fil- mument filwaqt li minkejja dan applika waħdu għat-tender, dan għadu ma ġiex finalizzat u se jżomm il-proċess sakemm ikun hemm kollox ċar. Hawn żied jgħid li qed jagħmel pressjoni biex jinġabar il-ħlas fil-waqt li hemm numru ta' xogħol lest li għada ma saritx it-talba, għal- ħlas tiegħu. Madanakollu qed ipoġġi fuq il-mejda numru ta'kontijiet għal xogħol u ħlas li  għalih ġie mqabbad dan il-kuntrattur mill-2017 sal-ġurnata għall- verifika tal-Kunsilliera. Fl-stess ħin ġa intbghatet email lil quantity surveyor (kopja preżentata) biex jagħti spjegazzjoni ta' kif għamel il-verifika tiegħu, fuq ix-xogħolijiet ta' Triq Indrì Grima. Iżda sal- ġurnata, għadu ma baghtx risposta. Hawn kompla jispjega li dan għadu mhux mħallas ta' dan is-servizz u mhux se jerġa' jiġi mqabbad filwaqt li ssa hemm il-Perit tal-Kunsill li qed jieħu ħsieb u se javżah biex jivverifika kollox inkluż fejn kien hemm xi ilmenti, bħal dawk msemmija.

Is-Sur Lino Bartolo ppropona li meta jkun hemm kontijiet ta' valur, il- fuq minn elf euro dawn jerġgħu jiġu verifikati waqt il-laqgħa tal- Kunsill.
Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li dan ma hux prattiku, waqt il-laqgħa tal- Kunsill biss ma jara xejn ħażin. Anzi jaqbel li jkun hemm Kunsilliera, inkarigati biex jagħmlu verifika oħra qabel ma dawn jiġu preżentati.
Il-Kunsilliera, qabblu unanimament.

Is-Sur Charles Selvaggi kompla billi staqsa, dwar il- bank ta' reception.

Is-Segretarju Eźekuttiv poġġa fuq il-mejda il- kopji tal- minuti tal- laqgħa L7-69 u L7-77 ma' kopji oħra ta' stimi u l-invoices li huma skond l-istimi. Hawn kompla jispjega li iċ-ċekk jidher aktar għax hemm żewġt invoices, ta' xogħolijiet oħra inklużi mal-ħlas.

Is-Sur Charles Selvaggi staqsa jekk hux possibbli li deċiżjoni waqt laqgħa tiġi posposta jekk xi ħadd jaħseb li jista' jġib prezz aħjar, u jekk jistax il- hlas ssir wieħed għall kull invoice.

Is-Segretarju Eźekuttiv wieġeb li hekk kien sar għax meta l-ewwel stimi preżentati fuq ir-reception desk dehru għoljin, erġajna fittixna biex insibu stimi rħass filwaqt li fil- Laqgħa preċedenti L7-86 meta kienu saru il-kummenti fuq is-suġġett, ftit wara skond l-aġenda tas-seduta ġew preżentati stimi ta' xogħolijiet differenti għal- pannelli tad- dawl fil- binja, għall-irħam u poġġaman tat- taraġ fil- binja. Fejn id- deċiżjoni tal-Kunsill kienet ġiet posposta għall- agenda tal- lum L7-87 biex forsi jinġabu, aktar stimi vantaġġużi. Dwar ħlas separat, għall- kull invoice dan jista' ssir.

87.4.10 Is-Sur Maurice Agius staqsa' jekk hemmx risposta dwar il-permess preżenti tal- binja biex ikun hemm sulari, addizzjonali jekk għadux validu.
Is-Segretarju Eżekuttiv, wieġeb li dan għadu validu.

87.4.11 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai staqsiet jekk sarx kuntatt, ma' min jieħu ħsieb in-niċċa tal- Madonna ta' Duluri fi Triq il-Kunċizzjoni.
Is-Sur Lino Bartolo, wieġeb li għadu ma sarx kuntatt.

87.4.12 Is-Sur Lino Bartolo staqsa jekk sarx rapport, dwar ilma li jinġabar taħt il-pont fejn tal-pastizzi ġo Triq Xatt L-Imsida.
Is-Segretarju Eźekuttiv wieġeb, li għadu ma sarx rapport u se jara li jgħaddih lill - Infrastruttura Malta.

87.4.13 Is-Sur Lino Bartolo staqsa u propona li tiġi żarmata it-tabella tal-Merħba, li hemm ġo Rue d'Argens għax huwa ridikolu li din ilha kważi sena b'arma li mhux tal-Kunsill Lokali tal-Imsida.
Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew u qablu biex issir kuntatt mal-bank, li qed jiffinanzja dawn it-tabelli biex forsi jkellmu lil kuntrattur responsabbli.

**87.5 Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali, li jkunu meħtieġa;**

87.5.01 Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa' fuq il-mejda proposta waħda, għall- ġbir tar-riċiklaġġ wara sejħa kif spjegata fil-proċedura ta' Ċirkulari Numru 3/2019 bejn żewġ skemi awtorizzati. U talab lill- Kunsilliera jikkonsultaw id-dokument, li huwa konformi ma' sejħa biex jieħdu d-deċiżjoni.
Il-Kunsilliera preżenti diskutew id-dokument fejn ġiet spjegata parti mil-proposta għal-ġurnata addizzjonali ta ġbir biex din tiġi posposta sakemm tiġi tidħol f' seħħ l-skema proposta mill- Gvern Ċentrali ta'depożitu fuq konteni turi tal-plastik aktar tard matul is-sena u wara li din tiġi studjati jekk ikun hemm bżonn il-kuntrattur jibda jiġbor ir-riċiklaġġ , darbtejn fil- ġimgħa għas- spejjeż tiegħu.

Il-Kunsilliera preżenti approvaw l-offerta unanimament.

87.5.02 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lill- Kunsilliera preżenti li llum waslet email li għada mhux reġistrata min skultur, li qed jitlob lill- Kunsill jekk għandux interess biex jalloka xogħol ta'skultura f'żona pubblika. Ġo l-Imsida u staqsiet lill-Kunsilliera preżenti għall- opinjoni tagħhom.
Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew, u qabblu li tintagħlab laqgħa mal-iskultur.

87.5.03 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet talba mil- Għaqda tas-Sajjieda biex issiru numru ta'bollards ġo l-Iskal biex ikunu jistgħu jikkontrollaw l-abbużi minn xi wħud li itellgħu u jokkupaw l-Iskall mingħajr permess u kontra il-bye law.

Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew u għalkemm qabblu li hemm bżonn ssir kontroll dawn jistgħu jeħlu sakemm ikun hemm il-permessi meħtieġa, mid-dipartiment tal-artijiet.

87.5.04 Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il mejda talba min sid ta'dgħajsa, il- fuq mid-daqs permess mil Bye law. Għall- kunsiderazzjoni tal- Kunsill biex jagħmel użu mill- Iskall.

Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew u qablu li jekk jinħareġ permess, mill- Kunsill ikun qed jinħoloq preċedent kontra il- kriterji tal - Bye Law u għalhekk din it-talba ma ġietx approvata filwaqt li hemm bżonn ssir laqgħa mall-kumitat tal- Għaqda tas- Sajjieda biex tinstab soluzzjoni għall- kontroll ta' ħruġ ta'permessi għall- użu tal-Iskall u jiġu verifikati is-sistemi prattikati.

87.5.05 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lill- Kunsilliera preżenti li ġiet aviċinata min persuna li tablet, biex ikun hemm aċċess għal- wheel chair fuq il-bankina mad-dawra tal bandli ta'Swatar. U pproponiet il-Kunsill japprova li ssir rampa jekk dan huwa possibbli.

Il-Kunsilliera preżenti iddiskutew u qablu fil- prinċipju u għandu jiġi verifikat fejn u kif din ir-rampa tista' ssir.

87.5.06 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai ppoġġiet fuq il- mejda proposta għal- attività Kunċert Vokali u Liturġiku u staqsiet lill- Kunsilliera preżenti jekk jistax jiġi kunsidrat biex dan jiġi inkluż, mal-kunċert tal Ġimgħa l-Kbira jekk dan se ssir.

Is-Sur Lino Bartolo wieġeb li tkellem mal- maestro tal-Banda tal-Junior College u ġie deċiż li din is-sena dan mhux se jsir, minħabba nuqqas ta' attendenza mixtieqa għall- Kunċert

Il-kunsilliera preżenti iddiskutew u qablu li jekk għadt hemm iċ-ċans dan jiġi avicinat u jekk possibbli dan ssir.

87.5.07 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il- mejda dokumenti u pjanti għal żvilupp ġo Triq D'Argen PA/06697/17 fejn għarrfet lill- Kunsilliera preżenti li kien hemm laqgħa nformattiva fuq il-proġett. Fejn għalkemm kien hemm il-Perit tal-Kunsill flimkien magħha, hija ddelegat is-sur Emanuel Brincat biex jattendi minħabba li persuna waħda biss setgħet tidħol għal- laqgħa. Hawn talbet lill- Kunsilliera preżenti biex jaraw u jiddiskutu l- proġett u jiddeċiedu il-pożizzjoni tal-Kunsill, semmiet ukoll li r- residenti għalkemm ma nfurmawx lil Kunsill. Għamlu petizzjoni u għalhekk irridu naraw li nħarsu l-interess tagħhom biss rigward l-għoli qegħdin konformi mal- Local Plan u din il-binja se tkun użata, bħalha uffiċċini. Rigward parking għandhom bżonn 215 u hemm 206, id-differenza jeħlu multa fejn tmur għal UIF.

Il-Kunsilliera preżenti unanimament ma sabux oġġezzjoni għall-proġett kif propost biss tajjeb li nerġgħu niċċekjaw rigward il-parkeġġ u traffiku fiż-żona.

87.5.08 Is-Sur Lino Bartolo tkellem fuq bżonn biex ssir kurduna, fuq in-naħa ta'daħla għall -Gym f'Swatar.
Is-Segretarju ħa nota u talab lis-Sur Bartolo jindika fejn eżatt.

87.5.09 Is-Sur Lino Bartolo talab lill- Kunsill biex jikkunsidra jagħmel għatba temporanja fuq il-bankina, għal anzjana batuta biex tkun tista' terfgħa is-sieq sew meta tidhol id-dar fi’ Triq tal-Qroqq.
Is-Sur Emanuel Brincat qal li hemm bżonn naraw, jekk din tistax tiġi fuq il-bankina minħabba li din dejqa u jista' jaqa xi ħadd.
Il-Kunsilliera preżenti diskutew u qablu li ssir verifika, u jekk possibbli din ssir basta li din tkun temporanja u li ma tkunx qed toħloq periklu li jaqaw fuqha.

87.5.10 Is-Sur Lino Bartolo talab lil Kunsill biex jikkunsidra li tiżżarma konka ta'siġra li waqgħet bil-maltemp fejn spjega, li jekk hemm se jsir żvilupp għal- Club tal-Boċċi. Ma jagħmilx sens li terġa titħawwel siġra u mbagħad din trid terġa’ tinqala minħabba dan il-proġett.

Is-Sur Lino Bartolo tkellem wkoll dwar numru ta' bins, li jekk jinqalgħu jinġabu il-Kunsill.

Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew u qabblu li tiġi mneħħija il-konka filwaqt li-Segretarju ħa nota oħra fuq il-bins, biex jekk hemm bżonn jiġu allokati ġo post ieħor fejn jista' jkun hemm bżonn.

87.5.11 Is-Sur Lino Bartolo tkellem dwar Disabled Reserved Parking ħdejn il-Kunsill li din qed tiġi il-ħin kollhu, abbużata minn karozzi li ma għandhomx Blu Badge.
Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li ta'spiss issiru rapporti lill- Pulizija jew LESA iżda ma jistax jgħid jekk jiġux jew le filwaqt li nnota li kien hemm vettura partikolari li ma għaddiex fuq dan il parkeġġ. Wara li rrapporta kien hemm karozzi oħra flokha u li jista' jagħmel meta jinnota jagħmel rapport. Se jipprova jara li din tkun osservata mill- Kunsill u jibgħat rapport mal-ewwel filwaqt se jara kif jista' jagħmel l-skop, ta' dan il-parkeġġ aktar viżibbli.

87.5.12 Is-Sur Lino Bartolo tkellem dwar sprall ħdejn Sqaq l-Spiżjar Sciberras biex ssir xi ħaġa dwaru, għax mhux qiegħed tajjeb.
Is-Segretarju Eżekuttiv, ħa nota.

87.5.13 Is-Sur Maurice Agius tkellem dwar bżonn li ssir bankina temporanja, fi Triq Clarence fejn qed ssir żvilupp.
Is-Segretarju Eżekuttiv ħa nota biex jara liema parti, u jkellem lill- iżviluppatur biex din ssir.

87.5.14 Is-Sinjura Romina Galea tkellmet, dwar sprall fi Triq Misraħ il- Barrieri biex jiġi rranġat għax qed jinżel.
Is-Sur Emanuel Brincat wieġeb, li dan ġie rranġat u msaħħaħ ftit xhur ilu.
Is-Segretarju Eżekuttiv ħa nota, biex jara x jista' ssir aktar fuq dan.

87.5.15 Is-Sinjura Romina Galea tkellmet, dwar roti marbuta ħdejn l-għassa tal-pulizija.

Is-Sindku wieġbet li din parti wiesgħa u jista' ssir xi haġa hemm biex dawn ikunu aħjar.Biss TM qed tinkoraġġixxi l-użu ta' roti u hemm bżonn jsir provediment għall- dawn.

87.5.16 Is-Sur Charles Selvaggi tkellem dwar sprall ħdejn Skate Park li qed jagħmel ħafna storbju, biex forsi l-Kunsill jibgħat lill-ħaddiema assenjati u jaraw x jista' ssir.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li din it- Triq arterjali u l-ħaddiema ġa xorta marru ppruvaw jagħmlu lakstu biex dan ma jħabbatx iżda għal xejn. Filwaqt li se jieħu nota, biex jerġa' jagħmel rapport.

87.5.17 Is-Sur Charles Selvaggi tkellem dwar l-arbli ta' dawl fi Triq San Ġwann tal-Ghargħar għax mhux qed juru sewwa, minħabba siġra.
Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li din ġa ha nota fejn se jara jekk din hija privata, u tistax tinżabar minn barra biex ma tilqax id-dawl.

87.5.18 Is-Sur Charles Selvaggi tkellem dwar żvilupp ġo Triq il-Ħriereb, għax ma hemmx aċċess fuq il- bankina.
Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li din ġa saru diversi rapporti fuqha u jinsab infurmat li ġa marru il-BRO, fuq il-post u kellmu lis-sid.

87.5.19 Is-Sur Maurice Agius tkellem dwar il-keep clear ma ġenb il- Knisja għax din għada qed tiġi abbużata u mhux sew li l- wheel chair ma jitlax minħabba hekk u għalkemm issiru rapporti lill- pulizija biex dawn iċċemplu lill- sid tal- vettura ġieli jew ma jiġi ħadd jew tilħaq tispiċċa il-quddiesa. U hekk mhux sew, ghalhekk il-Kunsill bħal kunsilli oħra missu jaqbad u jagħmel bolards ħalli ħadd ma jipparkja hemm.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li ma jafx jekk Kunsilli Lokali oħra ġabu permess jew qabdu min jeddhom u għamlu dawn il-bollards, biss dawn biex issiru rridu permess mingħand TM. U se jara jerġax jipprova jitlob permess ħalli dawn issiru jew jitlob lil Perit biex jara jekk jistax ssir estensjoni ta’ rampa il-barra u napplikaw mal- PA.

87.5.20 Is-Sur Maurice Agius tkellem, dwar Loading and Unloading ġo Triq il-Prinċipessa Margaret biex din titneħħa għax il-ħanut li għalih, saret ma għadux hemm.

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai ġibdet l-attenzjoni li din hija, Comunal Loading and Unloading u ma kienetx għall- dan il-ħanut partikolari, biss nistghu nagħmlu rapport biex ma tigiex abbużata.

87.5.21 Is-Sur Maurice Agius tkellem dwar periklu fejn kien hemm binja perikoluża li twaqqgħet, fi Triq Misraħ il-Barrieri konfini ma' Triq Santa Venera.
Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li se jibgħat biex jittieħdu ritratti, u jipprova jkellem lil Kunsill ta'Santa Venera u l-Pulizija biex jara x'jista' ssir għall- bankina.

87.5.23 Is-Sinjura Romina Galea staqsiet jekk hux possibbli fejn ikun hemm bżonn li ssiru tabelli li jindikaw biex is-silenzer ikun fuq in-naħa ta' barra lejn it-Triq.
Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li dan possibbli, u se jieħu nota biex jiġu ordnati xi ftit u issiru fejn hemm bżonn.

87.5.24 Is-Segretarju Eźekuttiv ħa nota, li saru (09:40pm) u li skada il-ħin ta' tlett siegħat biex ssir is-seduta.

87.5.26 Stimi biex jinbidlu 72 pannell ta' dawl fil-Kunsill. Posposta,għas- seduta L7-88

87.5.27 Stimi biex ssir l-irħam għass- sular ta’ taraġ, u għall- żewġ sulari handrail fit-taraġ tal-Kunsill. Posposta,għas- seduta L7-88

### 87.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport, tal-laqgħat tal-Kumitat

87.6.01 Ma kienx hemm, rapporti.

### 87.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni, tal-iskeda ta’ pagamenti;

87.7.01 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella poġġa fuq il-mejda, l-iskeda K7-87 < dc 87 .7. 01 > ta’ ħlasijiet bejn l-1 ta' Marzu sa’ 21 ta' Marzu. Għall-approvazzjoni tal-Membri.

Minħabba li qabeż il-ħin permess għall- laqgħa ġie deċiż li jiġu kunsidrati s-salarji biss u l-kumplament tal-Iskeda. Tiġi posposta għall- laqgħa L7-88
L-iskeda ġiet proposta, mis-Sur Lino Bartolo u s-sekondati mis-Sur Charles Selvaggi.

L- Iskeda ġiet approvata, unanimament.

### 87.8 Tmiem tal-laqgħa u d- data, tas-seduta li jmiss.

87.8.01 Il-laqgħa ntemmet fit-9:45 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata, għal-Tnejn 15 ta' April 2019 fil-17:30pm

Minuti konfermati, illum 15 ta' April 2019

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Margaret Baldacchino Cefai | Alan Vella |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |